# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimg]a 6 ta' Lulju, 2001**

**Avviz numru : 42/00GT (GM)**

**Pietro Paolo Grech**

**-vs-**

**Jamie Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ghall-hlas ta' LM105. Bl-imghaxijiet skond il-ligi, kif ukoll l-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali ipprezentata kontestwalment mal-avviz lid-ditta assikuratrici tal-konvenut bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-10 t'Awwissu 2000 fi Triq San Kurunatu, Nadur Ghawdex bejn vettura appartenenti u misjuqa mill-attur bin-numru tar-registrazzjoni ABD 768 u l-vettura appartenti lil Anthony Muscat u misjuqa minn Jamie Muscat, bin-numru tar-registrazzjoni LAW 702, liema in`ident gara unikament minhabba imperizji, traskuragni u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u dan billi l-istess konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni ;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li l-incident sehh unikament tort tal-attur li rriversja fuq il-konvenut bi zvista, u illi l-kawza saret intempestivament;

Sema' d-depozizzjoni guramentata tal-attur fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2001 li permezz taghha iddeskriva kif sehh l-incident u cioe' li kien isuq il-vettura tieghu fi Triq Santu Koronatu, Nadur fid-direzzjoni fejn hemm inkrocju li jaghti, apparti g]all-istess Triq Santu Koronatu, ghal Triq Hanaq u ghal Triq il-Knisja, waqaf biex ihalli t-traffiku jghaddi mill-istess inkrocju, u, x'hin ghadda t-traffiku u kien appena sejjer jaqla' biex ikompli fi trieqtu, hass daqqa gejja min-naha ta' wara tal-vettura tieghu u ra li l-konvenut kien dahal fih permezz ta' *landrover*. Il-partijiet tkellmu u l-

konvenut insista li l-attur kien irriversja fih; haga li l-attur jichad illi ghamel. Fl-ahharnett l-attur ikkonfema li kellu LM105 hsara u in sostenn tal-pretenzjoni tieghu ipproduca statement Dokument PPG-1;

Ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995;

Ikkunsidra:

Illi dan it-Tribunal ma jarax ghaliex m'ghandux jemmen il-versjoni tal-attur, ikkonfermata bid-deposizzjoni tieghu, iktar u iktar meta ma kien hemm ebda kontro-ezami tieghu mill-konvenut li l-anqas indenja jidher quddiem it-Tribunal biex jissostanzja r-risposta tieghu; tant li qatt ma deher ghas-seduti mizmuma mit-Tribunal u cioe' dawk tad-9 ta' Jannar 2001, tat-3 ta' Lulju 2001 u dik tallum, 6 ta' Lulju 2001;

Jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur, jiddikjara li l-incident fuq imsemmi sehh unikament tort tal-konvenut u ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut ghall-hlas ta' LM105 bhala ammont ta' danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' incident awtomobilistiku fuq indikat, kif ukoll l-ispejjez , komprizi dawk tal-ittra ufficcjaliipprezentata kontestwalment mal-avviz lid-ditta assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali msemmija fl-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

(ft.) Av. GRAZIO MERCIECA
GUDIKATUR

(Ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur